SANTA LUĊIJA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Luċija**

**Is-Seba' Leġislatura**
**Laqgħa Numru 51-18**

**17 ta' Diċembru 2018**

Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol Santa Luċija fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Terrence Ellul – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Caroline Galea - Kunsillier
Joe Bonello – Kunsillier
Liam Sciberras – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Caroline Silvio – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Terrence Ellul ippresjeda l-laqgħa.

**51.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-Kunsillier Liam Sciberras kien ser jasal nofs siegħa tard.

**51.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa numru 50-18**

**51.2.1** ***Bus Terminus***

Il-Kunsillier Bonello irrfera għall-minuta' 50.2.3 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp min naħa ta' Transport Malta. Is-Sindku nfurmah li għad m'hemm xejn.

**51.2.2 Attivitajiet b'temi Ċiniżi fi Ġnien is-Serenita'**

Il-Viċi Sindku irrefera għall-minuta 50.5.8 u qal li għall-attivita' taċ-Chinese New Year, iċ-Ċentru Kulturali Ċiniż ser jagħti mitt biljett lill-Kunsill għar-residenti. Huwa qal li mal-*poster* jinħareġ avviż li jgħid li dawn il-biljetti jistgħu jinġabru mill-Kunsill fuq *first come first served bases*. Huwa qal ukoll li l-membri taċ-Ċentru Kulturali Ċiniż għandhom jiġbru l-biljetti tagħhom mill-Belt Valletta.

**51.2.4 Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 50-18 ġew approvati mill-Kunsill.

**51.3 Affarijiet Finanzjarji u Kunsiderazzjoni u tal-Iskeda ta' Pagamenti**

**51.3.1** ***Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti***

Il-Kunsill approva l-Iskeda ta' Pagamenti numru CM51-18 għall-perjodu bejn it-30 ta' Novembru 2018 sal-11 ta' Diċembru 2018 u minn *cheque* numru BOV 7422 sa *cheque* numru BOV 7433.

**51.4 Kommunikazzjonijiet**

**51.4.1** ***Ġieħ ir-Repubblika 2018 – Dr Joan Abela***

Is-Sindku semma residenta ta' Santa Luċija li fil-ġranet li għaddew ingħatat Ġieħ ir-Repubblika 2018. Huwa fakkar li fis-sena 2016 il-Kunsill kien onora lil Dr Joan Abela b'Ġieħ Santa Luċija b'apprezzament għax-xogħol volontarju li tagħmel biex jiġu salvati manuskritti imprezzabli tal-Istorja fl-Arkivji Notarili li jkopru dawn l-aħħar sittin sena ta' storja. Il-Kunsill qabel ma' proposta tas-Sindku biex tintbgħat ittra fejn il-Kunsill jifraħ lill-Dr Abela għal dan l-unur.

**51.4.2** ***Esibizzjoni – Traditional Chinese Medicine***

Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill żewġ applikazzjonijiet għal użu tal-Exhibition Room fi Ġnien is-Serenita' u biex jinġibed *video* għal fuq il-*website* taċ-ċentru – Mediterranean Regional Centre for Traditional Chinese Medicine biex tingħata informazzjoni dwar din l-esibizzjoni. Il-Viċi Sindku spjega li parti mill-esibizzjoni li kienet ittellgħet f'Mater Dei ser tiġi trasferita fl-Exhibition Room fi Ġnien is-Serenita' għal perjodu ta' tlett xhur li jistgħu jiġu mġedda għal perjodi itwal. Huwa qal li din l-esibizzjoni ser tkun *manned* kuljum u min iżur din il-wirja jingħata tagħrif u konsulenza mingħajr ħlas minn tabib li ser ikun hemm apposta. Huwa qal ser jingħataw żewġ appuntamenti ukoll lill-żewġ residenti minn Santa Luċija għal vista medika mingħajr ħlas fiċ-Chinese Medical Centre.

Huwa qal li hemm il-ħsieb li jiżiedu s-servizzi għar-residenti ta' Santa Luċija billi jibda jingħata servizz ukoll darba fil-ġimgħa mill-Berġa ta' Santa Luċija.
Il-Kunsill approva iż-żewġ applikazzjonijiet għall-użu tal-ġnien skond il-Bye-Laws ta' Ġnien is-Serenita'.

**51.4.3** ***Kisi ta' Toroq Rurali f'Wied Garnaw***

Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar laqgħa li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom mal-Kuntrattur. Huwa qal li għada ser ikompli x-xogħol fuq it-toroq. Qal ukoll li ser jitneħħew l-inġenji biex iħallu post għar-residenti biex jipparkjaw il-karozzi tagħhom. Is-Sindku qal ukoll li l-kuntrattur wiegħed li ser jagħmel rampa fid-diżlivell li hemm bejn Triq Prinjoli u Triq ta' Garnaw biex ma tibqax issir ħsara l-vetturi tar-residenti.

**51.4.4** ***Ċirkulari SPI 14/2018***

Is-Sindku għamel referenza għaċ-Ċirkulari SPI 14-2018 u qal li skond il-lista annessa ma' din iċ-Ċirkulari, f'Santa Luċija hemm erbgħin qattus abbandunat u hemm bniedem wieħed biss li jitmahom.

**51.4.5** ***Attivita' tal-Komunita' u Attivita' għat-Tfal***

Is-Sindku nform l-Kunsill li r-rispons mir-residenti għal dawn l-attivitajiet kien wieħed baxx. Il-Kunsill iddeċieda li jekk ma jkunx hemm minimu ta' ħamsa u għoxrin ruħ li xtraw il-biljetti, l-attivita' għandha tiġi mħassra. Is-Sindku qal li għall-attivita' tat-tfal m'hemmx spejjes involuti għaldaqstant din m'għandix titħassar biex it-tfal li nkitbu ma jiġux disappuntati.

**51.4.6** ***Ħsara fuq bieb tal-komun fi blokk ta' appartamenti tal-Gvern***

Is-Sindku tkellem fuq ħsara li saret minn resident fi blokk 11 Bieb 11 Triq il-Gardenja, fuq is-serratura tal-bieb tal-komun. Huwa talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tintbgħat ittra lil dan ir-resident biex jirrimedja għall-ħsara li għamel.

**Nota** **Il-Kunsillier Liam Sciberras daħal fil-laqgħa fis-6.05pm**

**51.5** **Proġett tal-Promenade f'Dawret it-Torri u Triq Prinjoli**

Il-Kunsill għadda biex jiddiskuti l-proposta tal-proġett hawn fuq imsemmi li minn informazzjoni li għadda s-Sindku ser isir minn Infrastruture Malta b'kumpens għal biċċa art mill-Jogging Track li ser tittieħed għal proġett tal-mini ta' Triq tal-Barrani. Presenti għal din il-parti tal-laqgħa kien hemm il-perit tal-Kunsill li kien ġie mitlub ikun presenti biex iwieġeb għal mistoqsijiet tekniċi li jista jkun hemm. Is-Sindku qal li Infrastructure Malta qed tagħmel kundizzjoni li f'dan il-proġett irid isir *bicycle lane*. Huwa qal li dan irid isir minflok il-bankina fin-naħa tat-triq. Il-Kunsilliera Caroline qalet li m'għandha l-ebda oġġezjoni għall-*bicycle-lane* imma mhux a skapitu tal-bankina. Hija qalet li waħda mill-attrazjonijiet tal-*promenade* hija lin-nies għandhom bankina fejn jimxu. Il-Kunsillier Sciberrras tkellem dwar il-possibilta' li l-*bicyle lane* isir fin-naħa l-oħra tat-triq. Il-Viċi Sindku semma l-ħajt li kien inbena snin ilu fuq in-naħa tal-għelieqi. Huwa qal li tkun idea tajba kieku dan il-ħajt jitkompla. Saret diskussjoni fit-tul fuq dan il-proġett. Il-Kunsill qabel li l-perit għandu jħejji proposta u issuġerixxa li l-*bicyle lane* isir fit-triq u tidjieq il-bankina tan-naħa l-oħra tat-triq. Qabel ukoll li l-*green verges* għandhom jibqgħu u l-proġett għandu jinkludi wkoll l-*upgrading* totali tal-bankina u l-i*street furniture* bħal *bins* bankijiet u lampi.

**51.6** **Kuntratt SLLC (RMFP) (57-18-04) Road Maintenance**

Is-Sindku rrefera għal kuntratt hawn fuq imsemmi u għall-evalwazzjoni tal-imsemmi kuntratt. Huwa ħeġġeġ lill-membri tal-kumitat tal-evalwazzjoni biex min għadu ma għamilx l-evalwazzjoni *on-line* għandu jagħmel dan kemm jista' jkun malajr.

**51.7** **Mistoqijiet tal-Kunsilliera**

**51.7.1** **Mistoqsija tal-Viċi Sindku**

Il-Viċi Sindku tkellem dwar il-plakka bl-isem tat-triq fi Triq Bruka li tidher li hi nieqsa. Il-Kunsillier Bonello qal li fil-passat kien hemm isem imwaħħal mad-dar tal-kantuniera. Kien hemm qbil li għandu jsir wieħed temporarju sakemm jiġi stabbilit x'sar mill-plakka taċ-ċeramika li turi l-isem tat-triq.

**51.7.2** ***Mistoqsija tal-Kunsillier Sciberras***

Il-Kunsillier Liam Sciberras staqsa x'ser isir fir-rigward tal-ħsarat li hemm fi Pjazza 7 ta' Lulju minħabba l-għeruq tas-siġar. Is-Sindku qal li kif ikollna l-kuntrattur il-ġdid tal-manutenzjoni ta' toroq nindirizzaw din il-problema.

**51.7.3** ***Mistoqsija tal-Kunsillier Joe Bonello***

Il-Kunsillier Bonello qal li fi Triq Ineż Soler kantuniera ma' Triq Gulietta Lopez hemm il-wiċċ tat-triq li qed jixxaqaq. Is-Sindku qal li ser jiġi nfurmat il-perit tal-Kunsill f'dan ir-rigward.

**51.8** ***Messaġġi ta' Awguri tal-Milied***

**51.8.1** ***Messaġġ tal-Kunsilliera Caroline Galea***

Il-Kunsilliera Caroline Galea irringrazzjat lill-Kunsill u l-istaff u awguratilhom il-Milied u s-Sena t-tajba. Hija tat l-awguri tagħha lir-residenti.

**51.8.2** ***Messaġġ tal-Kunsillier, Liam Sciberras***

Il-Kunsillier Sciberras ingħaqad mal-Kunsilliera Galea fl-awguri tiegħu. Huwa qal li għaddiet sena oħra ta' ħidma u fejn kien hemm id-diżgwid ħarġet ir-raġuni. Huwa qal li l-Kunsill ħadem għal ġid tar-residenti u l-komunita'. Huwa għalaq id-diskors tiegħu billi ta l-awguri lir-residenti, l-Kunsill u l-istaff u xtaqilhom paċi, hena u saħħa.

**51.8.3** ***Messaġġ tal-Kunsillier, Joe Bonello***

Il-Kunsillier Bonello irringrazzja lill-istaff tal-Kunsill u rringrazzjahom talli jirnexxielhom ilaħħqu mal-volum ta' xogħol li jkollom ta' kuljum. Huwa qal li hawn qegħdin għar-residenti u ta' l-awguri tiegħu lir-residenti u xtaqilhom paċi u hena.

**51.8.4** ***Messaġġ tal-Viċi Sindku Frederick Cutajar***

Il-Viċi Sindku irringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff tagħha. Huwa qal li dan huwa l-erbgħa u għoxrin messaġġ ta' awgurju li qed jagħmel għalhekk xtaq jirringrazzja lil kull min kien fil-Kunsill u ħadem għal ġid tal-komunita' ta' Santa Luċija. Huwa qal li l-argumenti jżommu l-Kunsill ħaj. Is-Sur Cutajar qal li resqin lejn żminijiet ġodda bir-riforma li qed issir fil-qasam tal-Gvern Lokali. Huwa ta l-awguri tiegħu lill-membri tal-Kunsill u lill-familji tagħhom u qal li jħoss li dawn għandhom ikollom grazzi speċjali tas-sapport tagħhom. Is-Sur Cutajar għalaq id-diskors tiegħu billi xtaq Milied u Sena tajba lis-Sindku, l-Kunsilliera u l-istaff u lill-komunita' ta' Santa Luċija.

**51.8.5** ***Messaġġ tas-Sindku Terrence Ellul***

Is-Sindku qal li dan huwa l-aħħar messaġġ ta' awgurju ta' din il-legislatura. Huwa rringrazzja lill-kulħadd tax-xogħol li wettaq dan il-Kunsill u qal li l-Kunsill ser ikompli jindirizza il-problemi għal ġid tar-residenti. Is-Sindku rringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff tagħha. Huwa qal li l-Kunsill għandu għan wieħed, dak li nkomplu naħdmu għall-ġid tar-residenti. Huwa għalaq id-diskors tiegħu billi ta l-awguri tiegħu lill-membri tal-Kunsill presenti kif ukoll lill-kandidati l-ġodda li ser jikkontestaw l-elezjonijiet tal-Kunsilli Lokali. Is-Sindku stieden lill-Kappillan li kien presenti għall-laqgħa biex jagħmel id-diskors tiegħu.

**51.8.6** ***Messaġġ tal-Kappillan Wisq Reverendu Joseph Mizzi***

Il-Kappillan qal li jieħu din l-okkazzjoni biex jagħti l-awguri tiegħu rringrazzja lill-Kunsill tal-ħidma u koperazzjoni. Huwa xtaq Milied hieni u qaddis lill-kulħadd.

**51.9** **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-7.30p.m. Il-Laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 29 ta' Jannar 2019 fil-5.30p.m.

Konfermati, illum it-Tlieta, 29 ta' Jannar 2019

| | |
|---|---|
| **Iffirmat** | **Iffirmat** |
| **Terrence Ellul** | **Caroline Silvio** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |